MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2006

Appell Civili Numru. 668/1991/1

**Michael Balzan**

**v.**

**Lawrence Ciantar bhala Chairman ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Enemalta, u b'nota tal-24 ta' Gunju 1992 Godfrey Leone Ganado assuma l-atti tal-kawza bhala Chairman ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Enemalta, u b'nota tad-29 ta' Ottubru 1993 Anthony Ventura assuma l-atti tal-kawza ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Enemalta, u b'digriet tas-17 ta' Jannar 1994 gew kjamati in kawza Mario Agius u Philip Agius ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Philip**

**Agius & Sons Limited, u b'nota tas-16 ta' Jannar 1995 Joseph Attard assuma l-atti tal-kawza ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Enemalta.**

## Il-Qorti:

## Preliminari

Permezz ta' citazzjoni pprezentata fit-13 ta' Gunju 1991, l-attur ippremetta in sostanza illi waqt li fil-15 ta' Marzu 1990 fit-8.30 p.m. kien qieghed isuq il-vettura tieghu minn Hamrun By Pass, Santa Venera, tilef il-kontroll tal-vettura tieghu minhabba xogholijiet li kienu qed isiru mill-Korporazzjoni konvenuta, tela' fuq *centre strip* u spicca fuq in-naha l-ohra tat-triq, habat mal-hajt u ma' Landrover bin-numru M-0138; illi dan l-incident sehh tort tal-Korporazzjoni konvenuta li ma haditx il-prekawzjonijiet kif hi obbligata skond il-ligi fl-esekuzzjoni tal-imsemmija xogholijiet; illi minhabba dan l-incident huwa sofra gravement, b'dizabilita` permanenti, u sofra danni ohra konsiderevoli; illi ghalkemm il-Korporazzjoni konvenuta giet mitluba tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni, din baqghet ma ghamlet xejn. Ghalhekk l-attur Michael Balzan talab lill-allura Qorti tal-Kummerc sabiex:-

1. tiddikjara u tiddeciedi li l-incident in kwistjoni gara tort tal-Korporazzjoni konvenuta li ma haditx il-prekawzjonijiet skond il-ligi fl-esekuzzjoni tax-xogholijiet fuq imsemmija u li ghalhekk hija responsabbli ghad-danni konsegwenzjali sofferti minnu;

2. tillikwida dawn id-danni; u

3. tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas l-imsemmija danni li jigu hekk likwidati.

Il-Korporazzjoni Enemalta eccepiet (fol. 15 u fol. 22):-

(a) illi l-incident gara minhabba imperizja u traskuragni min-naha ta' l-attur[1]; u

(b) illi x-xogholijiet ma kienux qeghdin isiru mill-Korporazzjoni Enemalta, izda minn kuntrattur privat imqabbad mill-istess Korporazzjoni u ghalhekk skond l-artikolu 1037 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Korporazzjoni Enemalta ma tistax tinzamm responsabbli ghall-imsemmi incident peress li ma kienx hemm *culpa in eligendo* [2].

Is-socjeta` msejha fil-kawza, Philip Agius & Sons Ltd, eccepiet[3]:

(a) illi l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili; u

(b) illi hi mhix responsabbli ghall-incident in kwistjoni.

L-isfond ta' din il-kawza huwa s-segwenti:

1. Fil-15 ta' Marzu 1990 l-appellat Michael Balzan kien qieghed isuq il-vettura tieghu tal-marka Lada Samara bin-numru G-5139 minn gewwa Hamrun Bypass, Santa Venera.

2. F'parti ta' din it-triq kienu qeghdin isiru xogholijiet. Fil-karreggjata minn fejn kien ghaddej l-appellat kien hemm munzell terrapin u gandott. L-appellat tilef il-kontroll tal-vettura tieghu li baqghet tiela' fuq *centre strip*.

3. Il-kuntrattur li ghamel ix-xoghol ta' thaffir fit-triq fejn sehh l-incident kienet il-kumpanija kjamata fil-kawza Philip Agius & Sons Limited. Ix-xoghol sar fuq inkarigu tal-Korporazzjoni Enemalta sabiex jitqieghdu *cables*.

4. F'dan l-incident l-appellat sofra griehi u danni fil-vettura tieghu.

[1] Fol. 15.
[2] Fol. 22.
[3] Fol. 54.

## Is-sentenza appellata

Permezz ta’ sentenza moghtija fis-6 ta’ Dicembru 2002, il-Prim Awla tal-Qorti Civili, wara li laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta` kjamata fil-kawza Philip Agius & Sons Ltd. u ddikjarat l-azzjoni ta’ l-attur fil-konfront ta’ l-istess socjeta` preskritta, cahdet l-eccezzjoni tal-Korporazzjoni Enemalta fil-meritu u laqghet it-talbiet attrici fil-konfront taghha billi: (**1**) iddikjarat li l-incident in kwistjoni gara tort tal-Korporazzjoni konvenuta li ma haditx il-prekawzjonijiet skond il-ligi fl-ezukuzzjoni tax-xogholijiet fil-post fejn gara l-incident, u li konsegwentement hija responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur fl-istess incident; (**2**) illikwidat id-danni fis-somma ta’ sittax-il elf hames mija u tlieta w sebghin lira (Lm16,573), u (**3**) ikkundannat lill-Korporazzjoni konvenuta thallas is-somma hekk likwidata ta’ Lm16,573 lill-attur bl-imghax mid-data ta’ dik l-istess sentenza; bl-ispejjez kontra l-Korporazzjoni konvenuta, u salv kull dritt ta’ rivalsa li l-istess Korporazzjoni jista’ jkollha kontra s-socjeta` kjamata fil-kawza; u dan wara li kkunsidrat is-segwenti:
“Ikkunsidrat:-

“L-attur xehed li dakinhar ta' l-incident in kwistjoni kien qieghed isuq il-karrozza tieghu Lada Samara numru G-5139 fi Triq Dicembru Tlettax fid-direzzjoni ta' Canon Road intenzjonat li jmur lejn St. Edward Street fejn hemm il-fabbrika tal-Lowenbrau u ghalhekk ried jinzel minn fejn il-fabbrika tal-Pepsi. Il-hin kien xit-8.15 p.m. Hu ser jaqbad in-nizla li tiehu ghall-fabbrika tal-Pepsi, kien hemm tank tal-qatran kbir f'nofs it-triq u fuqu kien hemm fanal jixghel ahmar. Huwa fehem li t-triq kienet maghluqa u fil-fatt kien hemm gandott f'nofs it-triq u terrapien fuq kull naha. Huwa rriversja ftit biex jaqbad it-triq biex jiehu Canon Road u jidhol Hal-Qormi minnha. Hekk kif kien ghaddej dritt, qieghed isuq fuq l-*inner lane* u kien qabez il-*bridge* u appena qabad il-liwja li tiehu lejn il-lemin, hass daqqa minn taht il-karrozza, tilef il-kontroll u spicca fuq in-naha l-ohra tat-triq fejn anke habat ma' Land Rover tal-Pulizija. X'gara wara li tilef il-kontroll ma setax ighid precizament ghax mal-habta intilef minn sensieh u meta gie f'tieghu

kien ma' l-art ftit boghod mill-karrozza tieghu. Wara nnota li kien hemm xi xoghlijiet fit-triq, li kien hemm terrapien u tinda li kien hemm nies jahdmu fiha. Ma kien hemm ebda dawl li jindika dawn ix-xoghlijiet. Dawl fit-triq kien hemm pero` ma jafx kienx kollu mixghul. Huwa ttiehed l-Isptar bl-ambulanza. Kellu ugiegh f'ghonqu u ntbaghat ghall-kura l-Ingilterra fejn it-tobba qalulu biex ma jerfax u joqghod attent ghal daqqiet fir-ras. Ghamel xi xhur fil-gibs minn ghonqu sa zaqqu mbaghad xi sitt xhur bil-kullar. Il-karrozza, li kien xtraha gdida sentejn qabel ghal Lm2,700, spiccat *total loss*, salv li ghar-*wreck* gabar Lm550. Baqa' ma hadimx sad-29 ta' Ottubru 1990.

“In kontro-ezami l-attur xehed li dak il-hin kien ghadu gej mid-dar fejn kien kiel izda ma kienx xorob la birra u lanqas inbid. Qal li ghalkemm ma kienx qieghed ihares lejn l-i*speedometer*, ma jidhirlux li kien ghaddej bi speed qawwi peress li fejn il-pont kien waqaf biex idur 'l isfel izda ma setax ighaddi ghax it-triq kienet maghluqa, u l-incident gara ftit wara, cioe` t-tul tal-pont. Mistoqsi kif il-karrozza tieghu taret minn fuq is-*centre strip* u spiccat fuq in-naha l-ohra tat-triq u kienet *total loss* jekk ma kienx ghaddej bi speed, qal li kif dar mal-liwja hass il-karrozza toghla 'l quddiem u x'gara ma jafx ghax storda. Hu qal li ma ra ebda *luminous sign* bil-kliem *"works in progress"* hamsin pied boghod mit-terrapien u anqas ma ra *wooden barrier*.Wara l-incident, ghalkemm kien mugugh gie f'sensieh u qasam it-triq fejn hemm it-terrapien. Ma ra ebda sinjali jew *wooden barriers* ghalkemm ma mexiex lura ghal distanza twila. Ma ra ebda *reflectors* ma' arbli tad-dawl u anqas xi *festoon* bil-bozoz. Li jiftakar hu li d-dawl tat-triq kien jahdem. Qal ukoll li t-triq fejn gara l-incident ma kinitx triqtu u ftit li xejn kien ighaddi minnha. Qabel l-incident ma nduna b'ebda sinjal li jindika *"approaching bend"*.

“Ikkunsidrat:

“Kif tajjeb osserva l-perit legali fir-relazzjoni tieghu, huwa principju tas-sewqan illi kull sewwieq irid ikun prudenti u attent fis-sewqan tieghu u jzomm *a proper look-out* sabiex ma jkunx ta' periklu ghalih innifsu u ghal terzi. Naturalment

l-attenzjoni u l-prudenza fis-sewqan, ghalkemm ma jeskludux li xorta jistghu jsehhu incidenti, pero` jezoneraw lis-sewwieq mir-responsabbilta` ghal dak li jkun gara.

“Huwa wkoll assodat li t-toroq li jintuzaw mis-sewwieqa ghandhom ikunu liberi u zgombri minn ostakoli li jfixklu c-cirkolazzjoni normali tat-traffiku, izda li fejn ikun hemm il-bzonn li jsiru xoghlijiet jew jigu krejati xi ostakoli fit-toroq, is-sewwieqa ghandhom ikunu avzati b'dan b'mod car u b'tali mod li l-mizuri li jittiehdu jridu jkunu serji, adegwati u affidabbli fis-sens li dak li ragonevolment seta' jsir biex jigi evitat dannu, fil-fatt sar. Dan kollu johrog car mill-gurisprudenza taghna u anke dik ta' qrati barranin. Hekk fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo sive Charles Camilleri vs Francis Carbone noe** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-30 ta' Gunju 1995 (Citaz. Nru.556/83 FGC), saret referenza ghall-kazi tal-Qorti ta' Cassazione Taljana li jinsabu riprodotti mill-awtur Roberto Rovelli fil-ktieb tieghu "Responsabilta` Civile e Penale per gli Incidenti delle Strade", taht it-titolu "Lavori e depositi su strade aperte al transito", pag. 445, vol.11:

"(a) Cass. Civ. 6.8.65: Chiunque opera a contatto della collettivita` deve adottare ogni possibile cautela al fine di evitare che il suo operato determini danno agli altri. Un appaltatore pertanto, che espliti lavori sulla strada, ha l'obbligo di accertarsi, prima dell'inizio dei suoi lavori, che l'Ente cui compete la manutenzione della strada abbia apposto le segnalazioni idonee ad avvertire: cittadini della preclusione al traffico della stessa ovvero dei pericoli inerenti al traffico su di essa durante il corso dei lavori, e nel caso che detto Ente non l'abbia fatto, ha l'autonomo dovere di provvedere in proprio alle segnalazioni non attuate dall'Ente.

(b) Cass. Pen. 6.2.66: L'obbligo di segnalare lavori lungo le strade ha carattere rigido e dev'essere osservato ogni volta che vi sia un'apprezzabile occupazione della strada anche da parte di soli uomini ai fini della manutenzione ordinaria o straordinaria.

(c) Cass. Pen. 3.1.66: L'obbligo di usare particolari cautele nel corso dei lavori incombe non soltanto su coloro che materialmente eseguono i lavori, ma anche ai preposti, dirigenti ed imprenditori i quali hanno un dovere preciso di vigilanza e di controllo."

“Hekk ukoll il-Qorti ta' l-Appell (Sede Kummercjali), fil-kawza fl-ismijiet **Dr. Adrian Vassallo M.D. vs Leonard Azzopardi** (Vol. LXXIX.ii.737) deciza fit-18 ta' Jannar 1995, enfasizzat ir-responsabbilta` li ghandha l-awtorita`, hi min hi, li fejn hemm fin-nofs l-inkolumita` fizika tac-cittadin ghandha taghmel dak kollu u xejn inqas minn dak kollu li hu necessarju biex kemm hu possibbli l-periklu ezistenti jigi senjalat.

“Ikkunsidrat:

“Fir-relazzjoni tieghu l-perit legali, wara li ha dawn il-principji in konsiderazzjoni kif ukoll ix-xiehda ta' l-attur, dik ta' James Falzon li nzerta kien qieghed isuq wara l-attur, ta' Francis Cuschieri li mar fuq il-post ftit wara li sehh l-incident flimkien ma' missier l-attur, tal-haddiema li kienu fuq il-post, tal-kuntratturi Philip Agius u Mario Agius, ta' P.C. 344 Carmel Mercieca li kien qieghed isuq il-Land Rover li maghha habat l-attur, u d-dokumenti esibiti, osserva hekk:

"Minn dawn il-partijiet saljenti tax-xhieda l-esponenti jissottometti illi jirrizultaw is-segwenti fatti. Kienu qed isiru xogholijiet f’hofra maghmula mill-kuntrattur Philip Agius and Sons, mqabbad mill-Enemalta ghal dan l-iskop. Dan ix-xoghol kien qed isir minn impjegati tal-Enemalta peress illi xoghol il-kuntrattur kien li jaghmel il-hofra u jimliha darba li l-impjegati tal-Enemalta ilestu mit-tqeghid tal-cables. Kien hemm street lighting jixghel u kien hemm rifletturi jaghtu ghal fuq il-hofra mhux kif jindika l-pulizija fl-isketch[4]. Ir-ritratti esebiti juru dan. Jidher ukoll li mat-

[4] Hawnhekk jidher li fis-sentenza ta’ l-ewwel Qorti inqabzet bicca zghira minn dak li effettivament qal il-Perit Legali. Il-Perit Legali effettivament qal hekk: “Kien hemm street lighting jixghel u kien hemm rifletturi jaghtu ghal fuq il-hofra fejn kien hemm il-haddiema. Quddiem il-hofra kien hemm munzell terrapien li zgur kien biss ftit metri boghod mill-hofra mhux kif jindika l-pulizija fl-isketch”.

terrapien kien hemm festoon bid-dawl u *wooden barrier.* L-uniku senjalazzjoni li hemm minn fejn kien qed isir ix-xoghol hu biss sinjal markat *works in progress* li jidher ukoll fir-ritratti u li hu indikat fl-isketch tal-pulizija. L-uniku sinjal li jidher li rawh kemm haddiema tal-Enemalta u kemm il-pulizija hu sinjal bil-kliem '*men at work'.* Dan is-sinjal jidher fir-ritratti li ttiehdu mix-xhud Francis Cuschieri u li kien biss ftit metri boghod mill-munzell terrapien qudiem il-hofra. Il-pulizija jindika ukoll dan is-sinjal b'distanza ta' 17 il-metru boghod mit-terrapien. Pero' l-esponent ghalkemm ma jiddubitax li l-pulizija effettivament ra dan is-sinjal id-distanzi minnu deskritti fl-isketch mhux attendibbli peress illi fl-ewwel lok l-isketch mhux to scale u inoltre hu kien gia indika li bejn il-hofra u l-munzell kien hemm sbatax il-metru mentri kien hemm biss ftit metri.Hu ragonevoli li wiehed jipprezumi illi s-sinjal kien ukoll biss ftit metri boghod mill-munzell essendo l-pulizija ikkalkola l-istess distanza bejn il-hofra u l-munzell u l-munzell u s-sinjal.

"Hadd ma jixhed li ra xi senjalazzjonijiet ohra ezistenti fil-mument tal-incident. L-esponent mhux jiddubita li Mario Agius qieghed is-senjalazzjonijiet filghodu tal-incident u illi Alan Attard ra s-sinjal l-ghada tal-incident, pero' x'sar minnhom fil-mument tal-incident ma jirrizultax u hadd ma rahom inkluz il-pulizija.

"L-esponenti waqt l-access ikkonstata illi hemm liwja fit-triq qabel taqbad id-dritta fejn gara l-incident. Anki jekk jezisti sinjal li juri l-liwja, dan bl-ebda mod ma juri li kienu qed isiru xogholijiet 50 pied aktar 'l isfel. Mill-liwja ma tistax tara x'qed isir fil-parti d-dritta u f'distanza ta' 50 pied hu difficli li tinduna jekk ma tkunx gejt avzat hafna qabel kif del resto is-sinjal ta' 100 metru li xehed fuqu Philip Agius kellu jindika. Ghalkemm kien hemm karreggjata miftuha, din ma titfa ebda responsabbilita fuq is-sewwieq li fin-nuqqas ta' senjalazzjoni cara u adegwata ghandu jipprezumi li kif idur il-liwja ser isib munzell terrapien fil-karregjata li miexi fiha, iktar u iktar meta t-triq hi wahda principali u mhux b'built up area fejn lis-speed regolari hu ta' 40 mil fis-siegha; u li konsegwentement irid ikun pront jaqleb ghal karregjata ohra f'hakka ta' ghajn.

"L-esponenti jissottometti illi l-obbligu tal-Enemalta kien li jassigura f'kull hin li hemm senjalazzjoni adegwata ghat-traffiku u l-istess obbligu naxxenti mill-kuntratt tieghu kien jinkombi fuq Philip Agius.

"Ir-reflector li kien fuq l-arblu wara l-hofra (u mhux quddiemha) kif jidher mill-isketch MC1 kien qieghed hemm biex jitfa dawl fuq il-hofra u mhux fuq it-traffiku. Il-munzell ta' terrapien 'l iktar li seta kellu hu festoon tad-dawl. Il-barrier u s-sinjal *'men at work'* kienu vicini wisq tal-post tax-xoghol biex jaghti preavviz adegwat ghal min ikun gej. Ma rrizultax li kien hemm xi hadd inkarigat jiehu hsieb is-senjalazzjoni matul il-lejl tant li hadd ma xehed dwarhom jew li kienu fejn kellhom ikunu. Mhux bizzejjed li wiehed iqieghed is-senjalazzjoni minghajr ma jiehu hsieb li din qed tinzamm fejn ghandha tinzamm biex ikun ta' avviz ghat-traffiku. Hadd mill-impjegati tal-Enemalta ma kien jaf x'kien hemm bhala senjalazzjoni hlief ghad-dawl fit-toqba u festoon mit-terrapien. Dawn is-senjalazzjonijiet kienu ta' protezzjoni ghall-istess haddiema u mhux ghat-traffiku. L-istess jinghad ghal kjamat in causa. Mhux bizzejjed li Philip Agius jghid li qeda dmiru ghax pogga s-signs li tawh iktar minn tnax il-siegha qabel u ma hax hsieb li jara l-post ma jkunx soggett ghall-ebda riskju f'ebda hin waqt li qed isir ix-xoghol.

"Lanqas bejniethom ma jaqblu Alan Attard u Philip Agius ghax l-istess Philip Agius jixhed illi hu ma kellu u ma pogga ebda sinjal kif deskritti minn Alan Attard fid-Dok. MC1 u l-istess Alan Attard jixhed li s-signs ma gewx maghmula mill-Enemalta izda minn Philip Agius.

"Li kieku s-senjalazzjoni li semmew Philip Agius u Alan Attard kienu fil-post fejn kellhom ikunu dawn kienu jinstabu f'posthom dak il-hin tal-incident almenu mill-pulizija jew kienu anki jinstabu danneggjati jekk ittajru minn posthom minn wiehed mis-sewwieqa; dan pero' ma jirrizultax. Anzi Philip Agius jghid li meta mar jimla l-hofra xi granet wara hu sab is-signs tieghu f'posthom u ma jghidx li kellhom xi hsara.

“Kieku dawn is-senjalazzjonijiet kienu fil-post l-attur jew min kien isuq warajh kienu jarawhom jew jolqtuhom. L-attur kien isuq fl-inner lane fejn suppost kellhom ikunu s-senjalazzjonijiet.

“In vista ta’ dan l-esponenti jissottometti illi apparti jekk dawn is-senjalazzjonijiet fihom infushom kienux adegwati lanqas ma rrizulta li kien hemm senjalazzjoni ta’ xogholijiet li kienu qed isiru b’mod illi t-traffiku kellu preavviz car tal-periklu b’mod li jkun jista’ jevitah.

“Ma jistax anqas jinghad illi l-attur ikkontribwixxa ghall-incident. Ma hemmx prova li l-attur kien qed isuq bi speed. Hemm il-prova tal-hsara estensiva li sofriet il-vettura tieghu. L-esponenti jissottometti illi l-hsara hi kompatibbli ma incident simili. L-attur kien ghadu kif dar kurva gej fid-dritt bi speed li skond hu u x-xhud James Falzon ma kienx aktar minn 40 mil fis-siegha. Hu sab ruhu fuq il-munzell kif appena dar il-kurva; xiehda verosimili meta tqis li mill-access stess jirrizulta li minn tmiem il-kurva sa fejn gara l-incident kien hemm biss xi hamsin pied u vettura li ghaddejja b’40 mil fis-siegha circa trid 120 pied tul biex tieqaf li minnhom 40 pied huma *thinking distance* qabel ma tibbrejkja.

“Hu hassu jtir u ma jafx x’gara aktar. Sakemm intebah b’dak li hemm quddiemu kien gia wasal fuqu. Jidher car illi l-attur intilef bl-iskoss u l-karrozza kienet bla kontroll, laqtet bi ftit il-pilastru tad-dawl wara l-hofra, qasmet it-triq qabtet bil-momentum li kellha mal-hajt u bid-daqqa regghet baqghet diehla fuq Land Rover li nzertat ghaddejja.

“Il-hsara mhix prova ta’ speed eccessiv jew sewqan perikoluz li ma giex pruvat izda hu kompatibbli ma karozza li titlef il-kontroll u bil-momentum tahbat head on ma’ hajt fuq in-naha ‘l ohra tat-triq u mbaghad ma’ jeep. Lanqas ma gie pruvat li l-attur kien xurban jew mghaggel iz-zejjed. Ghalkemm kien dalam pero` ma kienx tard bil-lejl li jindika ghejja.

"L-esponenti ma jistax jasal ghal konkluzjoni li l-attur ma zammx proper look out ghax il-proper look out kien japplika li kieku kellu hjiel li f'nofs triq principali ser isib ma wiccu munzell terrapien minghajr preavviz ragjonevoli. Quddiem ma kienx hemm vetturi li bil-manuvra taghhom setghu jindikawlu xi problema fil-konfigurazzjoni naturali tat-triq kif gralu ta' warajh u jekk ir-riflessi tal-attur ma kienx daqshekk hfief li b'xi mod setghu evitaw l-incident dan mhux attribwibbli ghal nuqqas ta' proper lookout izda ghal fatt illi l-incident gara vicin hafna ta' kurva minghajr ma kien hemm sinjaletika cara u adegwata li jindikaw ix-xogholijiet u l-perikolu ghat-traffiku.

"Ir-responsabilita` fil-konfront tal-attur hi attribwibbli lill-konvenuti Enemalta. Ix-xogholijiet kienu qed isiru mill-Korporazzjoni Enemalta u anki fil-korrispondenza bejn l-attur u l-Korporazzjoni qabel il-kawza hadd ma semma lill-kuntrattur Philip Agius and Sons. Ma jistax l-Enemalta jitfa' dmir impost fuqu fuq haddiehor biex jevita hu l-konsegwenzi.

"Il-gurisprudenza recenti qed taghmilha cara li ebda sid kemm jekk privat kif ukoll Gvern ma jista' jehles mir-responsabilita` billi jghid li hu qabbad in-nies biex jaraw li jigi evitat incident. Kull sid irid johloq sistema adegwata ta' kontroll biex tassigura li l-mizuri li jittiehdu kontra perikolu ta' hsara jkunu effetwati. Ara f'dan is-sens Abela vs Prim Ministru et deciza fit-23 ta' Ottubru 1992. Din kienet kawza konsegwenza ta' incident fatali li sehh Xatt ir-Risq, meta persuna baqghet niezla ghal bahar minn rampa fl-inhawi. Il-Qorti qalet li kien id-dover tal-Gvern li r-rampa tkun protetta b'safety barriers u sinjali adegwati biex il-pubbliku jkun avzat u protett. Id-difiza li kienu tpoggew barrikati u dawn tnehhew minn hallellin giet michuda, ghax kien obbligu tal-awtoritajiet f'kull kaz, li jaraw li l-ambjent ikun minghajr perikolu.

"Lif jghid ic-Charlesworth 'On Negligence" (2-304) li jikkwota mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell, Lord Justice A. L. Smith qal *"When a person employs a contractor to do work in a place where the public are in the habit of passing, which work will, unless precautions are taken,*

*cause damage to the public, an obligation is thrown upon the person who orders the work to be done to see that the necessary precautions are taken and that, if the necessary precautions are not taken, he cannot escape liability by seeking to throw the blame on the contractor."* Dan il-kaz kien identiku ghal dak in ezami.

"Ghalkemm fil-ligi Maltija is-sid hu responsabbli ghal culpa in elegando biss pero` fl-interpretazzjoni relevanti tal-Kodici Civili (art 1037) il-gurisprudenza recenti hi fis-sens li ghandhom japplikaw il-principju ta' kawza u rizultat, fis-sens illi jekk tirrizult l-inkompetenza minhabba n-nuqqas tal-persuna imqabbda mis-sid, allura s-sid hu responsabbli ghax ma setax jaqssumi l-kompetenza (ara Grech vs Kummissarju tal-Pulizija app. 1.3.1988; Dimech vs Kummissarju tal-Pulizija, Prim Awla 13.2.1987; Naudi vs Schembri et noe, Prim'Awla 13.5.1991)."

"Il-Qorti kkunsidrat dan kollu u ezaminat bir-reqqa n-noti ta' sottomissjonijiet tal-Korporazzjoni konvenuta u tas-socjeta` kjamata fil-kawza kif ukoll kkunsidrat is-sottomissjonijiet verbali taghhom u hi tal-fehma li l-perit legali kien korrett meta kkonkluda li l-attur ma kkontribwixxa xejn ghall-incident in kwistjoni.

"Minn imkien ma jirrizulta s-sewqan zgarbat li semmew il-kjamati fil-kawza nomine. Il-hsara rizultanti fil-karrozza ta' l-attur mhijiex minnha nnifisha necessarjament evidenza ta' speed qawwi peress li hawn si tratta ta' sitwazzjoni fejn l-attur, minhabba dak li sab inaspettatament fit-triq, tilef il-kontroll tal-karrozza tieghu. U dan kien biss kawzat minn nuqqas ta' senjalazzjoni adegwata. Mhux bizzejjed li jkun hemm dawl fuq il-post fejn qed isiru x-xoghlijiet, izda s-sewwieq jistenna li jinghata preavviz ta' dawk ix-xoghlijiet. Mario Agius xehed li filghodu qieghed xi *luminous signs*. Izda hawn qed nitkellmu fuq incident li sehh f'xit-8.15 p.m. X'assigurazzjoni kellu li dawk is-*signs* li qieghed filghodu kienu ghadhom hemm? U jekk kienu hemm, kienu ghadhom weqfin b'mod li sewwieq jista' jarahom? Saret ukoll certa enfazi fuq id-dawl li kien hemm; izda jirrizulta li r-reflector kien dirett fuq il-hofra fejn kienu qed jahdmu l-haddiema ta' l-Enemalta u ma jirrizultax li kien hemm

reflector dirett fuq il-munzell terrapien li kien quddiem il-hofra u allura jostakola l-vizwali tal-hofra, ghalkemm inghad li kien hemm *festoon* mat-terrapien. Il-Qorti jidhrilha li kienet elokwenti hafna x-xiehda ta' JamesFalzon li, wara li qal li l-unika tabella li kien hemm kienet fejn il-gandott u li dawl kien hemm biss fejn kienu qeghdin jahdmu, sostna li ghalkemm kien hemm spazju fit-triq biex tghaddi bejn il-gandott u l-bankina, jekk ma tkunx taf biha ssibha ma' wiccek.

“Ghaldaqstant il-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni tal-perit legali li fil-konfront ta' l-attur ir-responsabbilta` taqa' fuq il-Korporazzjoni Enemalta li kien il-preciz dover taghha li taghmel dak kollu, u xejn inqas minn dak kollu, li kien necessarju biex jigi evitat periklu lis-sewwieqa. Dan naturalment ma jezonerax lis-socjeta` kjamata fil-kawza mir-responsabbilta` taghha fil-konfront tal-Korporazzjoni Enemalta in vista tal-kuntratt ta' appalt li kien hemm bejniethom. U kien proprju ghalhekk li l-Korporazzjoni Enemalta talbet il-kjamata fil-kawza tas-socjeta` Philip Agius & Sons Ltd.

“Izda s-socjeta` Philip Agius & Sons Ltd. eccepiet il-preskrizzjoni biennali skond l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili. Difatti hija giet notifikata bic-citazzjoni oltre minn sentejn wara d-data ta' l-incident in kwistjoni u ghalhekk din l-eccezzjoni treggi fil-konfront ta' l-attur. Ma tistax pero` treggi fil-konfront tal-Korporazzjoni Enemalta peress li, kif ukoll korrettement osserva l-perit legali, bejn is-socjeta' kjamata fil-kawza u l-Korporazzjoni konvenuta hemm relazzjoni kuntrattwali u ghalhekk il-preskrizzjoni ta' sentejn kif mahsuba fl-artikolu 2153 imsemmi mhix applikabbli.

“Isegwi ghalhekk li f'din l-istanza, kuntrarjament ghal dak li qed tippretendi l-Korporazzjoni konvenuta, il-Qorti ma tista' taghti l-ebda provvediment fil-konfront tas-socjeta` kjamata fil-kawza, u se tghaddi issa ghal-likwidazzjoni tad-danni.

*“Damnum emergens*: Il-Qorti m'ghandha l-ebda raguni ghalfejn tiddubita li l-attur kien xtara l-karrozza tieghu

ghall-prezz ta' Lm2,700, b'dan li stante d-dekorriment taz-zmien minn meta kien xtraha se tnaqqas Lm800 li allura jhalli valur ta' Lm1,900. Billi l-attur ikkonferma bil-gurament li ghar-*wreck* huwa dahhal Lm550, din is-somma ghandha titnaqqas ukoll u ghalhekk l-attur gie li tilef Lm1,350 fuq il-karrozza. Kwantu ghall-passaggi ta' l-ajru, taqbel mas-sottomissjonijiet tal-perit legali u li ghalhekk ghandu jigi kumpensat fis-somma ta' Lm120. Kwantu ghat-telf ta' qliegh ghas-sena 1990, hija taqbel ukoll mas-somma ta' Lm834 kif likwidata mill-perit legali. It-total ta' danni meqjusa bhala *damnum emergens* huwa ghalhekk Lm2,304.

*“Lucrum cessans*: Meta gara l-incident, l-attur kellu 25 sena (mill-formuli ta' l-*income tax* jirrizulta li twieled fit-12 ta' Ottubru 1964). Il-perit legali semma 26 sena u uza *multiplier* ta' 35 sena. Peress li fil-likwidazzjoni tad-*damnum emergens* gie kumpensat ghal telf ta' qliegh ghas-sena 1990, huwa xorta gust li jintuza l-imsemmi *multiplier*. Huwa veru li, kif gie sottomess mill-Korporazzjoni konvenuta, l-attur tejjeb il-pozizzjoni finanzjarja tieghu bix-xoghol gdid tieghu u huwa proprju ghalhekk li l-perit legali kien korrett meta uza bhala bazi ghall-kalkolu tal-kumpens dovut lill-attur, il-qliegh tieghu ghas-sena 1990 kif jirrizulta mill-formula relattiva ta' l-*income tax*, cioe` dak ta' Lm2,718. In kwantu l-persentagg ta' dizabilita`, dan gie stabbilit mill-espert mediku fl-ammont ta' 15% u ma tirrizulta l-ebda kontestazzjoni fir-rigward.

“Il-*lucrum cessans* huwa ghalhekk komputat hekk:

Lm2,718 x 35 x 15% = Lm14,269.

“Mid-data ta' l-incident iddekorrew aktar minn tnax-il sena u ghalhekk mhux se jsir tnaqqis ghal *lump sum payment*.

“Id-danni qeghdin b'hekk jigu likwidati fis-somma komplessiva ta' Lm16,573.”

**Appell tal-Korporazzjoni Enemalta**

Il-Korporazzjoni Enemalta ma kienetx kuntenta b'din id-decizjoni, u permezz ta' rikors presentat fid-19 ta' Dicembru 2002, interponiet appell fuq il-bazi ta' hames aggravji li ser jigu kunsidrati *seriatim*. Jigi precizat li ma sar ebda appell minn dik il-parti tas-sentenza li permezz taghha ntlaqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta` kjamata in kawza.

**Responsabbilta`**

Dan l-ewwel aggravju tal-Korporazzjoni appellanti jitratta l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti fir-rigward ta' jekk l-appellat Michael Balzan kellux responsabbilta` ghall-incident meritu tal-kawza. Il-Korporazzjoni appellanti qeghda ssostni li l-incident *"gara unikament minhabba n-negligenza cara ta' l-attur li kien ghaddej b'velocita` ezagerata u ma zammx proper look out"* [5]. Hija tibbaza dan l-aggravju fuq diversi argumenti, fosthom fuq l-argument li fil-mument ta' l-incident:

(a) Kien hemm dawl sufficjenti kemm fit-triq kif ukoll *festoon* mimli bozoz u reflector ta' 250 watts ta' dawl abjad (flood lights);
(b) Kien hemm diversi sinjali li kienu juru li qieghed isir xoghol fit-triq u li kien hemm ostakolu; u
(c) L-appellat kien qieghed isuq b'velocita` eccessiva u naqas milli jzomm *proper look out*.

Inoltre, il-Korporazzjoni appellanti ssostni li fejn gara l-incident huwa *dual carriage* u karreggjata minnhom kienet totalment libera b'mod li t-traffiku seta' jghaddi minghajr ostakoli.

Issa, huwa maghruf li bhala regola Qorti ta' l-Appell m'ghandix tiddisturba l-apprezzament li tkun ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi prodotti quddiemha u tal-portata taghhom jekk mhux ghal ragunijiet gravi.

Huma wkoll principji maghrufa li:

---

[5] Fol. 271.

(1) Kull sewwieq ghandu jzomm *proper look out* u r-responsabbilta’ ghall-incident tigi determinata qabel xejn minn dawk il-fatturi li jkunu pprovokawh u mhux mir-rejazzjonijiet tas-sewwieqa fil-mument meta jigu rinfaccjati bil-possibilita` ta’ impatt. Dak li jigri f’dak il-mument u aktar u aktar fl-*agony of the collision*, hu generalment irrilevanti ghall-fini tar-responsabbilta`.

(2) Sewwieq ghandu kull dritt li jippresumi li t-triq kellha tkompli fl-istat li kienet tidher li hi, u li fi triq fejn ikunu qeghdin isiru xogholijiet ghandu jkun hemm sinjali adegwati li jaghtu pre-avviz adegwat li qeghdin isiru xogholijiet.

Mill-atti jirrizulta:-

(a) Il-parti fejn gara l-incident hija ghad-dritt pero` qabel hemm liwja. Wara l-liwja kien hemm biss distanza ta’ hamsin (50) pied qabel ma tasal fil-parti tat-triq fejn kien qieghed isir ix-xoghol[6].
(b) Qabel il-munzell terrapin kien hemm biss sinjal ma l-art li kien jaqra *“50 mts. Ahead works in progress”* [7]. Mill-provi rrizulta li dan is-sinjal kien vicin il-munzell terrapin u zgur ma kienx 50 metru ‘l boghod. Mill-iskizz[8] li ghamel il-pulizija li nvestiga l-kaz jidher li qabel il-munzell terrapin li kien hemm fit-triq, kien hemm biss sinjal wiehed fl-art li jaghti avviz li kien qieghed isir xoghol fit-triq. F’dan id-dokument jinghad li dan is-sinjal tqieghed *“about 17mts”* mill-munzell. Inoltre, fl-okkorrenza li hejja l-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz jinghad: *“Enq. made for the spot established that on the left side of said rd. there were no prevention lights showing that Enemalta works were in progress”* [9]. Inoltre, irrizulta wkoll li ma’ dan is-sinjal ma kienx hemm dawl[10].
(c) Wara l-vettura misjuqa mill-appellat kien hemm vettura ohra misjuqa minn James Falzon[11] li kkonferma li:-

[6] Ara verbal ta’ l-access li sar mill-perit legali fis-16 ta’ Novembru 1999 (fol. 137).
[7] Ara ritratti a fol. 200 tal-process.
[8] Fol. 203
[9] Fol. 204.
[10] Xhieda ta’ George Briffa in kontro-ezami a fol. 122.
[11] Fol. 112.

i) fit-triq ma ra l-ebda tabella li kienu qeghdin isiru xogholijiet xi 100 metru l-boghod mill-incident. Kien hemm tabella vicin fejn kien qieghed isir ix-xoghol;
ii) dawl kien hemm biss fejn kien hemm il-hofra; u
iii) kien hemm tabella *"li kienet fejn il-gandott minn fejn il-haddiema kienu qed itellghu it-terrapien"*.
(d) Francis Cuschieri[12] (li dak iz-zmien kien *impressed driver* mal-Enemalta) inzerta kien qieghed fl-inhawi u mar jara x'gara. Huwa ikkonferma li:-
i) kien hemm hofra fit-triq u munzell terrapin quddiemu; *"Xi ghaxar piedi jew ftit inqas quddiem il-munzell tat-terrapien kien hemm sinjal ta' devjazzjoni cioe` kitba fuq tabella free standing ftit il-fuq mill-art, massimu ta' zewg piedi. Ma kienx hemm dawl fuqha"*;
ii) fuq il-hofra kien hemm biss arblu tad-dawl u bozza mixghula u d-dawl normali tat-triq; u
iii) *"Jien fil-karrozza kelli camera u hadt ritratti tal-impjegati tal-Enemalta <u>li bdew iwahhlu fustun</u>* [festoon] *tad-dawl u jien gbidtilhom ir-ritratti li qeghdin esebiti Dok. MB1 u li nikkonferma li hadt jien ftit wara l-incident. Xi whud mill-impjegati meta bdejt niehu r-ritratti bdew jaghtuni daharhom biex ma jigux fir-ritratti"*. (sottolinear ta' din il-Qorti).

Min-naha taghha l-Korporazzjoni appellanti ressqet bhala xhieda numru ta' haddiema biex ighidu x'sinjali kien hemm fil-post fejn kien qieghed isir ix-xoghol u d-dawl li kien tqieghed. Dawn jaghtu wiehed x'jifhem li l-ftit dawl li kien hemm kien mal-hofra fejn kienu qeghdin jahdmu[13]. Is-sinjal li kien hemm fil-post fejn sehh l-incident huwa ndikat fl-iskizz li hejja l-pulizija li nvestiga l-kaz. Dan apparti r-ritratti li ttiehdu ftit wara li sehh l-incident u li juru wkoll is-sinjal li kien hemm. Min-naha tal-Korporazzjoni appellanti giet prezentata wkoll pjanta (fol. 201) fejn hemm indikati zewg sinjali li jindikaw li fit-triq qieghed isir xoghol. L-ewwel sinjal huwa ndikat fil-liwja u t-tieni wiehed kif tispicca l-liwja. Din il-pjanta saret mill-Korporazzjoni appellanti. Alan Attard xehed: *"Fuq domanda tal-perit*

[12] Fol. 109.
[13] Ara per ezempju xhieda moghtija minn Philip Azzopardi (fol. 125) u Carmel Scerri (fol. 128).

*legali nghid illi apparti dak li xhedt dwar id-dawl, s-signs ma niftakarx kienux fil-post li ndikajt fl-isketch MC1 fil-hin tal-incident pero` meta l-ghada filghodu ghaddejt minn hemm rajthom fil-post indikat fl-isketch…."* [14]. Li hu rilevanti huma s-sinjali li kien hemm fil-hin ta' l-incident u mhux l-ghada. Mill-provi rrizulta li fil-hin ta' l-incident ma kien hemm l-ebda sinjal fil-liwja.

Mill-provi jidher li x-xogholijiet li kienu qeghdin isiru fit-triq kienu ta' natura estensiva tant li wahda mill-karreggjati kienet ghal kollox ingombrata. Lanqas m'hemm dubju li fic-cirkostanzi s-sinjali li tqieghdu fit-triq ma kienux adegwati u kien dan in-nuqqas li wassal biex isehh l-incident meritu tal-kawza. Il-ftit sinjali li kien hemm kienu wisq vicin tal-munzell terrapin u ma kienux joffru sigurta` ghas-sewwieqa. Mir-ritratti[15] mehuda mix-xhud Francis Cuschieri ftit wara li sehh l-incident ghandna wkoll konferma tal-kwalita` fqira tas-sinjali li tqieghdu. Sahansitra dan ix-xhud ighid li kien wara li sehh l-incident li ra l-haddiema li kienu qeghdin fuq il-post ghamlu *festoon* bid-dawl fuq il-hofra (fatt, dan, pero` li hu kontradett mix-xhud prodott mill-Korporazzjoni konvenuta, cioe` minn Alan Attard, fol. 114 *et seq*, li skond hu il-*festoon* inqata minhabba l-incident *de quo*). Anke jekk, pero`, dan il-*festoon* kien imqabbad u jixghel fil-mument ta' l-incident, xorta wahda s-sinjali li kien hemm kienu primittivi ghall-ahhar u totalment inadegwati. Kienet ir-responsabbilta` ta' min qieghed jaghmel ix-xogholijiet li jizgura li fit-triq jitqieghdu sinjali f'distanza adegwata li jaghtu lis-sewwieqa pre-avviz sufficjenti li f'dik it-triq kien qieghed isir xoghol. Sinjali li kellhom jibdew f'certu distanza qabel ma taqbad il-liwja, mehud in konsiderazzjoni li kien hemm biss 50 pied bejn fejn tispicca l-liwja u l-post fejn kien qieghed isir ix-xoghol fit-triq. Dan iktar u iktar meta wiehed iqis li x-xogholijiet kienu qeghdin isiru fi triq principali. It-tqeghid ta' sinjal ma' l-art simili ghal dak li jidher fir-ritratti a fol. 200 minghajr dawl, bl-ebda tigbid ta' l-immaginazzjoni ma jista' jinghad li huwa sufficjenti. F'dawn ic-cirkostanzi wiehed seta' jipprevedi li ssehh

[14] Fol. 143 (seduta tat-8 ta' Marzu 2000).
[15] Fol. 200.

disgrazzja, dan mhux fuq bazi ta' possibilita` remota jew inverosmili imma fuq probabbilita` ragjonevoli.

L-argument tal-Korporazzjoni appellata li l-post fejn gara l-incident huwa *dual carriage way* u li l-appellat seta' facilment ghadda mill-karreggjata fejn ma kienx hemm ostakolu, ma jregix. Hekk ukoll il-fatt li qabel sehh dan l-incident ghaddew vetturi ohra, lanqas ma jista' jfisser li l-appellat kien negligenti fis-sewqan tieghu u li kien hemm bizzejjed sinjali li kienu jattiraw l-attenzjoni tas-sewwieqa. Il-kwistjoni kollha tiddependi fuq jekk effettivament fit-triq kienx hemm bizzejjed sinjali li, bi pre-avviz bizzejjed, jattiraw l-attenzjoni ta' sewwieq prudenti li kien hemm xogholijiet qeghdin isiru fit-triq.

Fir-rigward tal-velocita` eccessiva allegata mill-Korporazzjoni appellata, ma tressqet l-ebda prova. L-uniku xhieda li hemm dwar velocita' hija dik ta' James Falzon li qal li fil-hin ta' l-incident kien qieghed isuq b'xi 40 mil fis-siegha u bejn wiehed u iehor bl-istess velocita` kienet ghaddejja l-vettura misjuqa mill-appellat[16]. Il-fatt li l-vettura sofriet hsarat estensivi u kienet beyond *economical repair*, kif tajjeb gie osservat mill-ewwel Qorti u mill-Perit Legali, m'huwiex fih innifsu prova li kien hemm velocita` eccessiva. Dan iktar u iktar mehud in konsiderazzjoni li mill-provi rrizulta li l-vettura baqghet diehla f'hajt. Ghalhekk dana l-aggravju tal-Korporazzjoni appellanti qed jigi respint.

**Nuqqas ta' *culpa in eligendo***

Skond l-Artikolu 1037 tal-Kodici Civili (Kap. 16):-

*"Kull min ghal xi xoghol jew servizz iehor iqabbad persuna mhux ta' hila, jew illi hu ma jkollux ragun jahseb li hija ta' hila, hu obbligat ghall-hsara illi dik il-persuna, minhabba n-nuqqas ta' hila taghha, tikkaguna lil haddiehor fl-esekuzzjoni tax-xoghol jew servizz hawn fuq imsemmi".*

[16] Fol. 112.

In forza ta' dan il-provvediment tal-ligi, il-Korporazzjoni appellanti tippretendi li m'ghandhiex tinzamm responsabbli ghall-incident meritu tal-kawza ghaliex il-kuntrattur li tqabbad jaghmel ix-xoghol kien ta' hila u ma gewx sodisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 1037.

Mill-provi rrizulta bic-car li l-Korporazzjoni nqdiet b'nies li fic-cirkostanzi partikolari ma kienux kapaci in kwantu naqsu milli jiehdu l-prekawzjonijiet bazici w elementari li kellhom jittiehdu ghas-sigurta` tal-utenti tat-triq. F'dawn ic-cirkostanzi l-Korporazzjoni appellanti ma tistax tahrab mir-responsabbilta`. Dan apparti l-fatt li mix-xhieda li nghatat minn Alan Attard, inginier impjegat mal-Korporazzjoni appellanti, jirrizulta li l-impjegati taghha stess poggew sinjali fit-triq[17] intizi biex jaghtu avviz lill-vetturi sejrin fid-direzzjoni ta' fejn kien qieghed isir ix-xoghol – fatt, dan, li jikkonferma li l-Korporazzjoni appellanti kienet qeghda wkoll tiehu hsieb l-aspett ta' sigurta` fit-triq -- mizuri li kif rajna ma kienux adegwati biex jigi evitat incident kif sehh f'dan il-kaz. Dana l-aggravju, ghalhekk, qed jigi wkoll respint.

**Kuntratt bejn l-Enemalta Corporation u Philip Agius & Sons Ltd.**

Permezz ta' dan l-aggravju l-Korporazzjoni appellanti ssostni li qabel ma beda x-xoghol, gie ffirmat ftehim ta' appalt[18] mas-socjeta` imsejha fil-kawza li permezz tieghu din ta' l-ahhar obbligat ruhha li taghmel *"warning signs" u dawl* u skond klawzola numru 17 *"all damages to any property or persons sustained during the execution of the works shall be the responsibility of the contractor"*.

Il-Korporazzjoni appellanti ghalhekk tippretendi li anke fuq din il-bazi hi m'ghandha l-ebda responsabbilta`. Pero' huwa fatt li dan il-ftehim huwa *res inter alios acta* ghall-appellat Michael Balzan. Skond l-Artikolu 1001 tal-Kodici Civili (Kap. 16):-

[17] Fol. 114.
[18] Fol. 31 – 49.

*"Il-kuntratti ghandhom effett bejn il-partijiet li jikkuntrattaw biss, u ma jistghux ikunu ta' hsara jew ta' gid ghal haddiehor, hlief fil-kazijiet li tghid il-ligi."*

Ghalhekk dan il-kuntratt jirregola r-relazzjoni bejn il-Korporazzjoni appellata u l-kuntrattur, u kien f'dan is-sens li l-ewwel Qorti rrizervat d-dritt ta' rivalsa li jista' jkollha l-istess Korporazzjoni kontra l-appellat kjamat fil-kawza. Il-kuntratt ta' appalt ma jistax iservi biex jezonera lill-Korporazzjoni appellanti mir-responsabbilta` fil-konfront ta' terzi li ma kienux parti ghal dak il-ftehim.

**Kjamat fil-kawza.**

Il-Korporazzjoni appellanti ressqet aggravju fis-sens li l-Ewwel Qorti sabet biss lilha responsabbli ghall-incident, *"salv kull dritt ta' rivalsa li jista' jkollha l-istess Korporazzjoni kontra l-istess socjeta` kjamata fil-kawza"*. Hija ssostni li gialadarba l-imsejha fil-kawza huwa meqjus bhala konvenut f'kawza u l-iskop ta' dan l-istitut hija l-ekonomija tal-gudizzju, ma kienx hemm lok li l-ewwel Qorti tirrizerva d-dritt ta' rivalsa lill-Korporazzjoni appellanti, u l-kjamata fil-kawza kellha f'dawn il-proceduri tigi kkundannata direttament fil-konfront tal-Korporazzjoni appellanti. Ghalhekk jidher li l-appellanti qeghda tilmenta mill-fatt li, fil-fehma taghha, l-ewwel Qorti naqset milli titratta l-kwistjoni dwar responsabbilta` o meno tal-imsejha fil-kawza f'dawn il-proceduri.

Jidher, pero`, li l-appellanti naqset milli tqies il-fatt li l-ewwel Qorti ddikjarat li l-azzjoni ta' l-attur fil-konfront tal-kjamat fil-kawza hija preskritta. F'dawk ic-cirkostanzi, irrispettivament minn jekk wiehed jaqbilx jew le mar-ragunament li ghamlet l-Ewwel Qorti biex waslet ghall-konkluzjoni li l-azzjoni hija preskritta fil-konfront tas-socjeta` appellata Philip Agius & Sons Ltd, l-ewwel Qorti ma setghetx issib lil din il-kumpannija responsabbli ghall-incident meritu tal-kawza. Min-naha l-ohra il-Korporazzjoni appellanti ma ressqet l-ebda aggravju fuq il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Qorti ddikjarat l-azzjoni attrici preskritta fil-konfront tal-kjamat fil-kawza. Kull ma ghamlet huwa li ghaddiet kumment fis-sens li *"il-preskrizzjoni hi*

*problema ta' l-attur, stante li t-tort ma ghandux jintefa' fuq il-Korporazzjoni Enemalta semplicement minhabba l-fatt li l-azzjoni attrici tista' tkun preskritta fil-konfront tal-kjamata fil-kawza"* [19]. Gialadarba ma tressaq l-ebda aggravju fuq din il-parti tas-sentenza li permezz taghha l-ewwel Qorti laqghet l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-kjamata fil-kawza Philip Agius & Sons Ltd, din l-eccezzjoni ma tistax tigi trattata fi stadju ta' appell[20] u dik il-parti tas-sentenza tikkostitwixxi gudikat. Dan l-aggravju, frankament, jirrazenta l-fieragh.

**Likwidazzjoni tad-danni**

Il-Korporazzjoni appellanti qeghda wkoll tikkontesta l-likwidazzjoni tad-danni in kwantu:

(a) l-attur appellat naqas milli jressaq prova li l-valur tal-vettura li kien qieghed isuq kienet ta' Lm2,700;
(b) wara l-incident l-appellant sab impjieg full-time li kien irendielu hafna iktar milli kien jaqla' fil-mument ta' l-incident;
(c) il-multiplier ta' 35 sena huwa ezagerat; u
(d) li ghandu wkoll jitnaqqas *lump sum payment* xieraq.

Fir-rigward tal-valur tal-vettura l-attur xehed li kien xtara l-vettura gdida sentejn qabel l-incident, ghall-prezz ta' Lm2,700[21]. Dikjarazzjoni li ma giet bl-ebda mod kontestata. Irrizulta wkoll li wara l-incident il-vettura nbieghet (bhala *wreck*) ghall-prezz ta' Lm550. L-ewwel Qorti llikwidat ammont ta' Lm1,350 bhala telf li sofra l-attur appellat fuq il-vettura, ammont li huwa ragonevoli.

Il-Korporazzjoni appellanti tilmenta wkoll mill-fatt li d-dizabilita` permanenti li sofra l-attur appellat ma kellha l-ebda impatt fuq il-qliegh tieghu in kwantu mill-provi rrizulta li sab impjieg *full-time* li rrendilu hafna iktar minn dak li

---

[19] Fol. 276 – paragrafu 4 tar-rikors ta' appell.
[20] *"Ir-rikors ghat-thassir tas-sentenza ghandu jkun fih riferenza ghat-talba u ghas-sentenza li tkun qeghda tigi appellata* ***flimkien ma' ragunijiet dettaljati li ghalihom ikun qieghed isir l-appell*** *u fih ghandu jintalab li dik it-talba tigi milqugha jew michuda"* (Art. 143(1) tal-Kap. 12).
[21] Fol. 108.

kien jaqla' fil-mument ta' l-incident. Dan il-fatt fih innifsu ma jfissirx li l-appellat m'huwiex intitolat li jitlob hlas ta' kumpens. Fil-kawza **Edgar Gatt v. Oliver Theuma** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' April 1987[22], inghad:- *"…. il-fatt li min isofri lezjoni jkompli jahdem, sija pure fl-impjieg li kellu qabel l-incident… ma jipprekludihx li jiehu danni meta huwa bhala konsegwenza ta' l-incident kien sofra dizabilita` permanenti. Dik id-dizabilita` permanenti tista' dejjem tkun ta' xkiel ghalih fil-futur li jimmiljora l-posizzjoni finanzjarja tieghu, u kwindi ghal din ir-raguni huwa intitolat ghad-danni li jista' jsofri bhala konsegwenza taghha"*. Mill-provi[23] rrizulta li l-appellat sofra griehi serji f'ghonqu bhala konsegwenza tal-imsemmi incident, u li ma jistghux jeskludu danni konsistenti f'telf ta' qliegh futur. Fir-rapport imhejji mill-perit mediku naqraw li l-appellat *"irid joqghod attent biex jevita kemm jista' jkun estremitajiet ta' moviment specjalment xi sforz fl-ghonq"*. Sahansitra rrizulta kif l-appellat kellu jitlaq mix-xoghol li kellu qabel sehh l-incident u li kien jinvolvi tqandil ta' kaxxi[24]. Fic-cirkostanzi jidher ghalhekk li anke dan l-ilment huwa minghajr bazi.

Fiz-zmien meta sehh l-incident l-attur appellat kellu 25 sena. Il-multiplier ghandu jitqies minn dakinhar li sehh l-incident li fih il-vittma garrbet il-griehi u mhux minn dakinhar li l-Qorti tasal ghal-likwidazzjoni tas-somma li ghandha tithallas bhala danni[25]. Il-Qorti hi tal-fehma li f'dan il-kaz huwa xieraq li l-multiplier ghandu jkun ta' 30 sena, pero` dan il-fatt m'ghandux jincidi fuq il-kap ta' l-ispejjez. Dan ifisser li l-*lucrum cessans* ghandu jkun ta' Lm12,231; u ghalhekk, meta tghodd id-*damnum emergens* l-ammont totali ghandu jkun ta' Lm14,535.

Fir-rigward tal-*lump sum payment*, mid-data li sehh l-incident sal-lum ghaddew xejn inqas minn hmistax-il sena, u ghalhekk fuq l-iskorta tal-gurisprudenza[26] zgur li

---

[22] Vol. LXXI.ii.136

[23] Rapport mediku tal-kirurgu ortopediku Charles Grixti, fol. 101 – 105.

[24] Fol. 108, xhieda moghtija mill-attur appellat.

[25] **Carmelo Camilleri v. Alfred Falzon** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Mejju 1984.

[26] **Emanuel Agius v. Mario Borg**, Qorti ta' l-Appell, 22 ta' Novembru 1995; **Arthur Bonello noe v. James Camilleri et**, Prim'Awla tal-Qorti Civili (JSP), 13 ta' Jannar 1998;

m’hemmx lok li jitnaqqas xi percentwali ghal *lump sum payment*.

**Decizjoni**

Ghall-motivi premessi, tirriforma s-sentenza appellata biss fis-sens li l-ammont ta’ danni likwidati li l-Korporazzjoni konvenuta qed tigi kkundannata thallas lill-attur hija ta’ erbatax-il elf, hames mija u hamsa u tletin liri Maltin (Lm14,535) (u mhux Lm16,573) izda tikkonferma s-sentenza appellata ghall-bqija. L-ispejjez ta’ dana l-appell jithallsu kollha mill-Korporazzjoni appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

**Anthony Borg noe v. Jesmond Bugeja**, Prim’Awla tal-Qorti Civili (JSP), 5 ta’ Ottubru 1992.